MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1033/1997/1

**Registratur tal-Qrati Superjuri**

**vs**

**Charles Stivala u Michael Stivala**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fil-11 ta' Marzu 1997, Rosa Doublet u Teresa sive Tessie Doublet intavolaw rikors ghall-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1238/97 kontra l-konvenuti u b'digriet tal-istess jum din il-Qorti ordnat in-notifika tieghu lill-konvenuti;

Illi l-konvenuti, permezz tad-dipendenti taghhom Joan Gerada u Charles Xuereb, fi tlitt okkazjonijiet, jigifieri fit-12 ta' Marzu 1997, fl-24 ta' Marzu 1997, u fit-22 ta' April 1997, irrifjutaw li jaccettaw in-notifika kif jirrizulta mir-rapport tal-purtier Crucifisso Briffa (dokument "A") u mir-riferti tal-istess purtier u tal-purtier Alfred Buttigieg (dokumenti "B" u "C");

Illi l-imsemmija Rose Doublet u Teresa sive Tessie Doublet permezz ta' rikors prezentat fil-25 ta' April 1997, talbu lil din il-Qorti tordna lill-attur jistitwixxi xi proceduri ta' disprezz fil-konfront tal-konvenuti, allura intimati, ghat-termini tal-artikolu 1003A tal-Kap.12, u dana bl-urgenza stante in-natura tal-kaz;

Illi ghalhekk din il-Qorti b'digriet tad-29 ta' April 1997, ordnat lill-attur biex imexxi skond it-talba (dokument "D");

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) issibhom hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12); u

(2) tikkundannahom ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi dawn il-proceduri ghad-disprezz fil-konfront tal-konvenuti gew intavolati inutilment stante illi l-ligi tipprovdi

r-rimedji kollha meta ikun hemm ir-rifjut ta' notifika fl-artikolu 187(1) tal-Kap.12, liema procedura ma gietx segwita u ghalhekk ghal din ir-raguni il-konvenuti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dina l-istanza;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti personalment qatt ma irrifjutaw li jaccettaw in-notifika ta' l-att mertu ta' dina l-kawza izda kienu l-impjegati taghhom li rrifjutaw tali notifika u ghalhekk it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni ghandhom jigu michuda fil-konfront taghhom;

3. Illi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza taghha tat-18 ta’ Gunju 1999 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Semghet lix-xhud prodott mill-attur;

Semghet lill-konvenut Michael Stivala;

Rat l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru1238/97;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:-

Fic-citazzjoni l-attur, Registratur tal-Qrati Superjuri, jippremetti li f’Marzu 1997 terzi kienu talbu l-hrug ta’ mandat ta' inibizzjoni (numru 1238/97) kontra l-konvenuti u l-Qorti kompetenti kienet ordnat in-notifika tieghu lill-istess konvenuti. L-attur ikompli jippremetti li l-konvenuti, permezz tad-dipendenti taghhom Joan Gerada u Charles Xuereb, irrifjutaw li jaccettaw in-notifika u dana kif jidher

minn rapport mghamul mill-wiehed mill-purtiera tal-Qorti kif ukoll mir-riferti relattivi. Minhabba f'hekk fuq talba tal-imsemmija terzi l-Qorti kompetenti ordnat lill-attur jistitwixxi proceduri ta' disprezz fil-konfront tal-konvenuti. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu misjuba hatja ta' disprezz tal-awtorita' tal-Qorti skond il-ligi u li l-istess konvenuti jigu kundannati ghal-pieni relattivi preskritti mill-ligi;

Il-konvenuti fl-ewwel lok eccipew li dawn il-proceduri saru inutilment stante illi l-ligi tipprovdi r-rimedji kollha f'kaz bhal dan. Fit-tieni lok il-konvenuti qed jeccepixxu li huma qatt ma irrifjutaw li jaccettaw in-notifika in kwestjoni u semmai kienu l-impjegati taghhom li rrifjutaw tali notifika;

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet michuda bl-imsemmija sentenza tat-18 ta' Gunju 1999 u ghalhekk, bhala eccezzjonijiet, fadal biss li tigi trattata t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti fejn huma qed jsostnu li huma qatt ma rrifjutaw in-notifika in kwestjoni;

In effett ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni l-attur ma ppruvax sufficjentement li l-konvenuti in effett irrifjutaw li jaccettaw in-notifika tal-att in kwestjoni. F'dan ir-rigward gie presentat rapport ta' purtier tal-Qorti (fol.5) fejn l-istess purtier ikkoferma li huwa ttanta jinnotifika kopja tad-digriet in kwestjoni tlett darbiet u dana fl-indirizz mghoti pero' fit-tlett okkazzjonijiet persuni li kienu fl-istess indirizz irrifjutaw li jaccettaw l-istess att. Dan jirrizuta ukoll mir-referti relattivi. Dan zgur li mhux bizzejjed sabiex jista jinghad li jirrizulta li konvenuti rrifjutaw li jaccettaw in-notifika;

L-uniku xhud li pproducja l-atur kien il-konsulent legali precedenti tieghu li, fost affarijiet ohra, qal li kellu s-sensazzjoni li l-presenti proceduri kienu qed jintuzaw mill-partijiet ghal skopijiet ohra;

Da parti tieghu l-konvenut Michael Stivala kkonferma li wahda mill-persuni indikata fl-imsemmi rapport u ir-referti relattivi kienet in effett impjegata mal-konvenuti pero' l-persuna l-ohra imsemmija fl-istess dokumenti qatt ma kien

impjegat maghhom. L-istess konvenut ikkonferma li l-konvenuti qatt ma taw struzzjonijiet specifici lill-impjegati taghhom dwar xi ittri jew xi dokumenti tal-Qorti;

Fid-dawl ta’dawn ic-cirkostanzi kollha t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati, filwaqt li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti timmerita li tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tilqa t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------